



Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2015/2051(INI)

20.10.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar tħejjija għas-Summit Umanitarju Dinji: Sfidi u opportunitajiet għall-assistenza umanitarja
(2015/2051(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Elena Valenciano

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-kriżijiet umanitarji kważi dejjem jirriżultaw f'sofferenzi umani kbar ħafna għaċ-ċivili milquta, b'mod partikolari għan-nisa u għat-tfal, inkluż il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali;
 - B. billi l-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni fi kriżijiet umanitarji hija rikonoxxuta mid-dritt fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u mid-dritt umanitarju internazzjonali bħala parti integrali tar-risposta umanitarja, u hija meqjusa bħala waħda mill-kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati fis-Summit Umanitarju Dinji li se jsir f'Mejju 2016;
 - C. billi meta tiġi indirizzata kriżi umanitarja jeħtieġ li jintlaħaq bilanċ bejn "gwadanji fl-effiċjenza" u l-"protezzjoni tal-valuri";
1. Jinkoraġġixxi lill-komunità globali li se tiltaqa' fis-Summit Umanitarju Dinji tadotta approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-azzjoni umanitarja, bl-għan li jinstabu modi aħjar u aktar inklużivi għall-protezzjoni taċ-ċivili, b'kunsiderazzjoni speċjali għall-gruppi vulnerabbli bħan-nisa, it-tfal, il-minoranzi reliġjużi jew etniċi, biex jiġu identifikati t-tthedid u l-vulnerabbiltajiet, u jiġi sorveljat il-ksur tad-dritt fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali, biex b'hekk tgħin it-tishiĥ tal-ġlieda kontra l-impunità; jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li ż-żamma tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem u r-rinfurzar ta' qbil komuni mill-atturi kollha involuti fl-azzjoni umanitarja jsaħħu wkoll il-prinċipji umanitarji ewlenin ta' umanità, imparzjalità, newtralità u indipendenza operattiva; jenfasizza l-ħtieġa li l-protezzjoni titqiegħed fil-qalba tal-azzjoni umanitarja u jiddeplora kwalunkwe użu ħażin jew disrispett lejn il-prinċipji umanitarji fundamentali għal skopijiet politiċi, militari jew mhux umanitarji; iwissi li dan l-użu ħażin jimmina u jippreġudika l-operazzjonijiet umanitarji ġenwini u l-persunal tagħhom; jinsisti li miżuri kontra t-terroriżmu ma għandhomx jimminaw jew jostakolaw l-azzjonijiet umanitarji;
 2. Jenfasizza li, b'mod speċjali f'każijiet ta' kunflitti u kriżijiet fit-tul fejn ċivili jiġu spostati intenant u esternament għal perjodi twal, l-azzjoni umanitarja jista' jkollha rwol kruċjali u aktar proattiv għall-awtonomizzazzjoni tal-popolazzjonijiet milquta, billi tagħtihom vuċi aktar b'saħħitha u tirrikonoxxi d-drittijiet u l-ħiliet tagħhom; jinsisti, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza tat-tishiĥ tal-kapaċità lokali u reġjonali fl-għoti tal-għajnuna umanitarja u ta' proċessi inklużivi fejn l-awtoritajiet lokali, is-soċjetà ċivili, is-settur privat u l-popolazzjonijiet milquta huma inklużi fil-proċess ta' ppjanar; jinsisti, madankollu, fuq l-importanza li jiġu indirizzati l-kawżi primarji ta' dawn il-kunflitti fit-tul u tinstab soluzzjoni politika sostenibbli għal dawn is-sitwazzjonijiet;
 3. Japella għar-ratifika universali tal-istrumenti internazzjonali kollha li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni taċ-ċivili, inkluża l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951, u li jiddaħħlu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali; jistieden lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitti differenti jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tal-għajnuna umanitarja u jikkonformaw mad-dritt umanitarju internazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jissorveljaw l-applikazzjoni tad-dritt umanitarju internazzjonali u li jżommu responsabbli

lil min iwettaq il-ksur, inkluż atturi mhux statali;

4. Jinkoraġġixxi lill-komunità internazzjonali ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tiżgura aċċess mingħajr xkiel għall-għajnuna umanitarja lill-popolazzjonijiet kollha li jinsabu f'riskju; jafferma mill-ġdid il-ħtieġa essenzjali tal-promozzjoni tas-sigurtà, tal-protezzjoni u tal-libertà tal-moviment tal-operaturi umanitarji fuq il-post, li qegħdin ikunu dejjem iżjed fil-mira ta' attacki u theddid, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt; jissottolinja l-ħtieġa tal-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp umanitarju permezz ta' metodi ġodda, inkluż analiżi tar-riskju konġunta ta' diversi perikoli, programmazzjoni u finanzjament pluriennali, u strateġiji ta' ħruġ għall-atturi umanitarji;
5. Jenfasizza r-rwol ċentrali li n-nisa għandhom għas-sopravivenza u r-reżiljenza ta' komunitajiet fi kriżijiet umanitarji, inkluż f'sitwazzjoni ta' kunflitt u ta' wara l-kunflitt; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi u żgurati d-drittijiet tan-nisa u t-tfal, li jikkostitwixxu l-maġġoranza ta' dawk milquta minn kriżijiet umanitarji, u li huma l-aġar milquta; josserva li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija waħda mill-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem l-aktar mifruxa iżda l-inqas rikonoxxuta, u li hija ostakolu ewlieni għall-ugwaljanza bejn is-sessi; ifakkar li f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt in-nisa u l-bniet li huma tqal b'kawża ta' stupru għandhom jirċievu appoġġ xieraq u jingħataw aċċess għall-firxa wiesgħa tas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, skont id-dritt umanitarju internazzjonali; jistieden lis-Summit Umanitarju Dinji jirrifletti bi sħiħ fuq il-perspettiva tal-ġeneru bħala element ċentrali għat-tfassil tas-sistema umanitarja fil-futur, li se tirriżulta minn dan il-proċess ta' konsultazzjoni;
6. Jappella li tingħata attenzjoni bis-serjetà biex jiġi żgurat b'mod effikaċi, permezz tar-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa, id-dritt għall-edukazzjoni fi kriżijiet umanitarji fit-tul, peress li n-nuqqas ta' edukazzjoni huwa theddida li tipperikola l-futur tat-tfal u l-iżvilupp ulterjuri ta' kwalunkwe soċjetà; jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni kontinwa fis-salvagwardja u l-promozzjoni ta' valuri komuni u universali, bħad-dinjità umana, l-ugwaljanza, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem;
7. Jissottolinja l-ħtieġa li jingħataw nutrizzjoni, ilma, kenn, sanità u kura medika, bħala drittijiet fundamentali ta' kull bniedem; jinsab imħasseb bil-kbir dwar ir-riskji ta' epidemiji assoċjati ma' kundizzjonijiet sanitarji ħżiena ħafna u aċċess limitat għall-ilma tajjeb għax-xorb, u dwar in-nuqqas ta' aċċess għall-mediċini essenzjali fi kriżijiet umanitarji; jistieden lill-UE tassumi rwol ta' tmexxija biex tiżgura l-forniment xieraq tal-mediċini essenzjali u tal-ilma tajjeb għax-xorb fil-kuntest ta' kriżijiet umanitarji;
8. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ispostament minħabba l-kunflitti, id-diżastri naturali u d-degrad ambjentali jħalli lil ċerti popolazzjonijiet partikolarment vulnerabbli; jenfasizza li r-refuġjati, il-persuni spostati internament, il-vittmi tat-traffikar u l-migranti l-oħra maqbuda fi kriżijiet li jipperikolawhom ħajjithom għandhom jingħataw protezzjoni xierqa tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-għadd għoli bla preċedent ta' refuġjati, persuni spostati esternament u migranti fid-dinja tal-lum, u jstieden lill-komunità internazzjonali tuża s-Summit Umanitarju Dinji biex timmobilizza r-riżorsi finanzjarji u operattivi meħtieġa biex jilqgħu għal din l-isfida billi jiffukaw speċifikament fuq il-kawżi primarji; jenfasizza l-importanza tad-djalogi interreligiżużi u interkulturali biex jiġu indirizzati l-flussi ta' refuġjati bil-massa; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jagħtu prijorità lill-kriżi globali tar-refuġjati fil-politiki u l-

pożizzjonijiet tagħhom fir-rigward tas-Summit, bl-għan li jindirizzaw il-konsegwenzi u r-raġunijiet sottostanti tal-influss qawwi ta' refuġjati; iħeġġeġ, fid-dawl ta' dan, lis-Summit Umanitarji Dinji jappella għal modi aktar effiċjenti għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u għat-trażżin tar-reklutaġġ u tal-finanzjament tal-gruppi terroristiċi, permezz tal-prevenzjoni u s-soppressjoni tar-reklutaġġ, l-organizzazzjoni, it-trasport u l-forniment ta' għallieda terroristi, u tal-finanzjament tal-ivvjaġġar u l-attivitajiet tagħhom; jissottolinja n-neċessità u l-importanza ta' azzjoni rapida, flimkien ma' pjan ta' azzjoni konkret u komprensiv fuq terminu twil, li jitwettqu b'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u atturi lokali, nazzjonali u reġjonali għal approċċ effikaċi u effiċjenti fir-rigward ta' networks ta' kriminalità organizzata ta' traffikanti tal-migranti; josserva li l-Artikolu 14(1) tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem jiggarrantixxi d-dritt tat-tiftix u t-tgawdija tal-asil, u jenfasizza l-obbligu tal-Istati ta' non-refoulement fir-rigward tar-refuġjati; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-atturi internazzjonali kollha jikkonformaw bis-sħiħ mad-dritt internazzjonali, u li jassumu b'mod serju r-responsabbiltà u d-dmir tagħhom li jgħinu lill-persuni li jinsabu f'periklu;

9. Iħeġġeġ lill-UE, bħala l-akbar donatur tal-għajnuna umanitarja fid-dinja, turi sens ta' tmexxija fis-Summit Umanitarju Dinji billi tappella għal metodi aktar flessibbli għall-għoti tal-għajnuna umanitarja, kif ukoll għal miżuri u strumenti proattivi u koerenti li jevitaw b'mod effikaċi l-kriżijiet; iħeġġeġ lill-UE u lid-donaturi l-oħra jonoraw l-impenji finanzjarji tagħhom u jiżviluppaw modi għat-tnaqqis tal-ħin li jittieħed biex l-impenji finanzjarji jinbidlu f'azzjonijiet fuq il-post; jirrimarka, barra minn hekk, l-importanza tar-rapportar dwar id-drittijiet tal-bniedem bħala mekkaniżmu ta' twissija bikrija għal kriżijiet, u jinkoraġġixxi lis-Summit Umanitarju Dinji jqis dan il-fatt meta jagħżel li jadotta kultura ta' prevenzjoni minflok kultura ta' reazzjoni;
10. Jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE, u b'mod partikolari lid-DĠ ECHO tal-Kummissjoni, kif ukoll lill-Istati Membri, jistudjaw l-esperjenza miksuba fl-integrazzjoni tal-kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-isforzi tal-għajnuna umanitarja fis-sistema tan-NU, u jistieden lill-UE tassumi rwol aktar b'saħħtu sabiex tippromwovi u ttejjeb dan il-proċess. jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati l-koerenza u l-koordinament tal-politiki bejn l-għajnuna umanitarja u l-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE, fis-sitwazzjoni l-ġdida li fiha l-UE adottat approċċ għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet; jiddispijaċih bil-kbir, f'dan ir-rigward, li l-manwal tal-Kummissjoni dwar l-approċċ għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet jeskludi l-azzjoni umanitarja tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, timpenja ruħha sabiex tiżviluppa u tadotta, bħala parti mill-impenn tagħha għas-Summit Umanitarju Dinji, approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-azzjoni umanitarja tal-UE.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	19.10.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 44 -: 3 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Lars Adaktusson, Michèle Alliot-Marie, Amjad Bashir, Bas Belder, Elmar Brok, Klaus Buchner, Javier Couso Permuy, Mark Demesmaeker, Georgios Eptideios, Eugen Freund, Michael Gahler, Richard Howitt, Sandra Kalniete, Manolis Kefalogiannis, Afzal Khan, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Ryszard Antoni Legutko, Arne Lietz, Andrejs Mamikins, David McAllister, Francisco José Millán Mon, Alojz Peterle, Andrej Plenković, Jozo Radoš, Charles Tannock, László Tőkés, Johannes Cornelis van Baalen, Geoffrey Van Orden
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Ignazio Corrao, Marielle de Sarnez, Neena Gill, Ana Gomes, Javi López, Urmas Paet, Traian Ungureanu
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Beatriz Becerra Basterrechea, Jonás Fernández, Arne Gericke, Enrique Guerrero Salom, Kinga Gál, Costas Mavrides, Momchil Nekov, Ricardo Serrão Santos, Jutta Steinruck, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Bogdan Brunon Wenta, Tomáš Zdechovský, Ivan Štefanec